# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Mejju 2024

NR 119/2024 Data tal-Ħruġ: 28 ta' Ġunju 2024

*Fi tmiem Mejju 2024, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €7.1 miljuni.*



Bejn Jannar u Mejju 2024, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €2,901.5 miljun, €446.8 miljun ogħla minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€273.8 miljun), fit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€107.2 miljuni) u fis-Sigurtà Soċjali (€73.2 miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqisiet ewlenin kienu rrappurtati fid-Dazju u s-Sisa (€21.3 miljun), fl-Għotjiet (€13.1-il miljun) u fid-Dħul mixxellanju (€12.6-il miljun).

Sa tmiem Mejju 2024, in-nefqa totali laħqet €2,908.6 miljuni, li hija €350.4 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €2,564.0 miljun, li hija żieda ta' €311.2-il miljun meta mqabbla mal-€2,252.8 miljun li kienu rrappurtati sena qabel. Iż-żieda ta' €218.4-il miljun fil-Programmi u Inizjattivi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Barra minn dan, kienu rreġistrati żidiet fis-Salarji u Pagi (€42.9 miljun), fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern (€40.3 miljun) u fl-Ispiża tal-Operat (€9.5 miljuni). L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€98.1 miljun), ir-Riżorsi tal-UE (€44.2 miljun) u l-Miżura ta' rifużjoni tat-taxxa (€28.1 miljun).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €103.0 miljuni, żieda ta' €20.1 miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Bejn Jannar u Mejju 2024, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għall-€241.7 miljun, li hija €19.1-il miljun aktar meta mqabbla mal-istess żmien fl-2023. Din iż-żieda kienet ġejja minn nefqiet ogħla fuq il-Kostruzzjoni u t-titjib tat-toroq (€14.0-il miljun), fl-Għotja għax-xiri ta' vetturi elettriċi (€13.3-il miljun) u l-Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€6.6 miljuni). Min-naħa l-oħra, kienu rrappurtati tnaqqisiet fl-Inċentivi għall-investiment (€11.1-il miljun) u l-Inċentivi għall-Industrija tal-films (€6.2 miljuni).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet defiċit ta' €7.1 miljuni fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Mejju 2024, mentri sena qabel kien irreġistrat defiċit ta' €103.5 miljuni. Din id-differenza tirrifletti żieda fid-Dħul Rikorrenti totali (€446.8 miljun), li kienet sa ċertu punt impattija b'żieda fin-nefqa sħiħa, li hija magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€311.2-il miljun), l-Imgħax (€20.1 miljun) u n-Nefqa Kapitali (19.1-il miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Mejju 2024, id-dejn tal-Gvern Ċentrali laħaq l-€10,017.9-il miljun, żieda ta' €934.2 miljun meta mqabbel mal-2023. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€1,217.8-il miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fid-Dejn Barrani (€71.9 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€4.1 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fil-Kambjali tat-Teżor (€267.8 miljun) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€43.6 miljun). Barra minn hekk, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €48.2 miljun fid-dejn (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-Mejju bis-sena

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Mejju 2024




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Mejju 2024

